MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 116/2004

Kawza fil-lista: 43

**A B**
**vs**
**C B, u b' digriet tal-14 ta' Dicembru 2006**
**il-kunjom 'B' gie sostitwit bil-kunjom 'D'**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Mejju 1995 mill-liema zwieg ma twildux tfal.

Premess illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Premess illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Premess illi l-partijiet ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Premess illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex iz-zwieg iccelebrat mill-partijiet kif fuq intqal jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Tghid il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi m' ghandhiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Mejju 1995 huwa null ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi l-konvenuta taqbel li z-zwieg taghha ma' l-attur ghandu jigi ddikjarat null.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

3. Illi l-attur ma kellux setghat intellettwali mehtiega ghall-validita' tal-kunsens.

4. L-ispejjez ghandu jbatihom l-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntratt mal-konvenuta fis-27 ta’ Mejju 1995 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [f] u [h] u ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li taqbel mat-talba attrrici, teccepixxi li m’ ghandhiex tbati spejjez.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-27 ta’ Mejju 1995 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 23 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa hames snin. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Fil-11 ta’ Mejju 2004 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

B’ mod aktar specifku ghat-talba attrici, il-Qorti tosserva li mill-provi rrizulta li tul il-konvivenza matrimonjali l-konvenuta kellha tissapporti lill-attur li qatt ma ried jahdem u kien dejjem mohhu fil-hbieb. Jirrizulta car li l-hbieb tieghu kienu jigu l-ewwel u qabel kollox.

Fid-deposizzjoni[1] tieghu l-attur jispjega kif kien iqatta’ l-hin tal-gurnata mal-hbieb tieghu, filwaqt li martu kienet tmur ghax-xoghol sabiex thallas l-ispejjez tal-familja u anke tkompli taqta’ mid-dejn li l-partijiet kienu ghamlu fuq hanut li kienu hadu qabel iz-zwieg. Huwa jghid: “Nghix maghha, tista’ tghid norqdu flimkien.  Hi kienet tmur ghax-xoghol filghodu, tigi d-dar fis-7.00 pm.  Jiena nigri l’ hemm u l’ hawn mal-hbieb u hekk ….. bazikamnet tista’ tghid li konna norqdu biss, flimkien.”  Huwa jispjega li matul il-konvivenza matrimonjali ma kellux hajra ghax-xoghol “Bqajt ma nahdimx, mohhni fil-hbieb, nohrog mal-hbieb.”

Il-konvenuta tikkonferma kif l-attur kien izjed mohhu li johrog Paceville mal-hbieb milli jikkomunika maghha, kien ukoll johrog ma’ grupp ta’ tfajliet. Kien johrog fl-10.00pm u jirritorna fit-3.00am. Tghid li meta kienet tirritorna lura d-

[1] Fol.47 *et seq.*

dar mix-xoghol, lill-attur qatt ma kien ikun wahdu d-dar u hi kienet tispicca ssajjar ghalih u ghal shabu "Qatt, qatt ma kien ikun wahdu."[2] u dan principalment ghas-spejjez taghha peress li kienet thallas mill-paga taghha. Hija tghid: "Ma nafx x' jigifieri konna nohorgu jienu u hu flimkien."

Il-konvenuta tirrakkonta li darba l-attur, kontra x-xewqa taghha, kien gab joqghod ghandhom ghal ftit ta' zmien habib tieghu, identifikat b' ismu, peress li dan kien joqghod wahdu, "u minn gimgha spicca sentejn joqghod dejjem maghna". Imbaghad "Jiena kont dejjem imdejjqa, u dejjem nghid issa forsi jirranga, nipprova nkellmu bil-kwiet, imma fl-ahhar iddejjaqt, qbadt il-hwejjeg u tlaqt." Hija tghid li l-attur kien isibha biss ghas-sess.

Illi din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi, hija tal-fehma li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront ta' l-attur il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d], ghax il-provi juru bic-car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u senjatament fuq l-obbligu tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-ben essere reciproku. Fiz-zwieg taghhom kien hemm nieqes, u b' mod lampanti, "the obligation of life and love as an expression of the union between man and woman, <u>mutual well being</u>" [*Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000*].

Huwa kien mohhu fil-hbieb, u martu kienet tigi wara dawn. Dan johrog car mill-*modus vivendi* tieghu, egoistiku ghall-ahhar, li filwaqt li martu kienet tmur ghax-xoghol biex tlahhaq ma' l-ispejjez necessarji ghall-ghejxien taghhom, inkluz tieghu, huwa kien joqghod jghaddiha mal-hbieb u ma jahdimx, u jiddependi finanzjarjament biss minn martu u xi ghajnuna li okkazzjonalment kienu jaghtuh il-genituri tieghu.

---

[2] Dep. konvenuta fol.30 *et seq.*

Inoltre, il-fatt ammess minnu stess li fid-dar matrimonjali l-attur kien dejjem igib il-hbieb tieghu, sahansitra wiehed minnhom kien dam joqghod ghandhom sentejn, u dan kontra x-xewqa ta' martu, juru wkoll nuqqas ta' maturita' affettiva da parti ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuta. Il-fatti provati u ammessi minnu juru li huwa ma kellux la affezzjoni u lanqas rispett lejn martu, u dan mill-bidu taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 da parti tieghu, u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-27 ta' Mejju 1995, bl-ispejjez kollha a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------